MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2484/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Rowan Polidano**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Dicmbru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sitta u sebghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm76.90) in kwantu ghal hamsin lira (Lm50.00) bhala "policy excess" skond kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-kontendenti wara li mas-socjeta` attrici kienet registrata "claim" bin-numru 02A1062 fil-kwalita` taghha tal-assikuratur tal-vettura Nru.CAM-117 propjeta` tal-konvenut li kienet involuta f'incident stradali li gara Birzebbugia fl-10 ta' Lulju, 2002 u in kwantu sitta u ghoxrin lira u disghin centezmu (Lm26.90) bhala spejjez legali tat-**

**terz li kien involut fl-istess incident u li kienu inkorsi mis-socjeta` attrici noe;**
**Oltre s-sorte, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali (b'notifika wahda) tal-11 ta' Novembru, 2003 u l-imghax legali b'effett mill-11 ta' Novembru, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 ta' Jannar, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitta u sebghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm76.90), bl-imghax legali mill-11 ta' Novembru, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali (b'notifika wahda) tal-11 ta' Novembru, 2003 ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------